MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2012

Numru 677/2010

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Arthur Mercieca)**

**Vs**

**Luke Psaila u Bertram Zahra**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni in ezami li biha Luke Psaila (ID 422187M) u Bertram Zahra (ID 340390M) gew imressqa quddiem il-Qorti u akkuzati talli fl-24 ta' Gunju 2009 fiz-Zejtun bejn is-1.00pm u 2.30pm ikkommettew serq ta' 4 DVD players ghad-dannu ta' diversi persuni, liema serq ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (239.24) izda hu ikkwalifikat, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

U lill Bertram Zahra wahdu talli fis-17 ta' Gunju 2009, fiz-Zejtun bejn is-12.00pm u 1.30pm ikkommetta serq ta' DVD players u CD player ghad dannu ta' diversi persuni liema serq ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (239.24) izda hu ikkwalifikat, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

U lil Berthram Zahra wahdu talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-istess Onorabbli Qorti meta nhar:
1. il-20 ta' Mejju 2008 kien gie misjub hati mill-Magistrat Dr. L. Quintano LL.D ta' diversi serqiet u giet imposta fuqu bhala sentenza probation order ghal tlett snin.

2. Nhar id-9 ta' Gunju 2009 kien gie misjub hati ta' serq mill-Magistrat D. Clarke LL.D. u giet imposta fuqu bhala sentenza probation order ghal tlett snin.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (fol 8 tal-atti) u li bih ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Dicembru 2011 a fol 19 tal-atti.

<u>Ikkunsidrat</u>
Illi kif jidher mill-verbal tas-seduta tal-5 ta' Dicembru 2011 (fol 19 ibid) meta dehru z-zewg akkuzati quddiem din il-Qorti huma xtaqu <u>jammettu l-htija</u> taghhom in rigward l-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom. Hawnhekk, l-istess Qorti gibdet l-attenzjoni taghhom dwar dawk li jistghu jkunu l-konsegwenzi ta' din l-ammissjoni, specjalment, lil Bertram Zahra minhabba dak rizultanti mill-istess verbal. Cjononostanti, u avolja l-akkuzati dehru minghajr Avukat difensur huma xorta wahda, insistew li huma hatja tal-istess akkuzi.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti issib,

a) lill-akkuzati hatja talli fl-24 ta' Gunju 2009 fiz-Zejtun bejn is-1.00pm u 2.30pm ikkommettew serq ta' 4 DVD players ghad-dannu ta' diversi persuni, liema serq ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin

centezmu (239.24) izda hu ikkwalifikat, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa u dan skond l-artikoli 261(b)(g), 263(a), 271(g), 278(1) u 278(2) tal-Kodici Kriminali.

b) lil Bertram Zahra wahdu talli fis-17 ta’ Gunju 2009, fiz-Zejtun bejn is-12.00pm u 1.30pm ikkommetta serq ta’ DVD players u CD player ghad dannu ta’ diversi persuni liema serq ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (239.24) izda hu ikkwalifikat, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa u dan skond l-artikoli 261, 263(a), 271(g), 278(1) u 278(2) tal-Kodici Kriminali.

c) lil Bertram Zahra wahdu talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-istess Onorabbli Qorti meta nhar:
1. il-20 ta’ Mejju 2008 kien gie misjub hati mill-Magistrat Dr. L. Quintano LL.D ta’ diversi serqiet u giet imposta fuqu bhala sentenza probation order ghal tlett snin.

2. Nhar id-9 ta’ Gunju 2009 kien gie misjub hati ta’ serq mill-Magistrat D. Clarke LL.D. u giet imposta fuqu bhala sentenza probation order ghal tlett snin,
u dan skond l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

In rigward il-piena, jigi rilevat li
a) Luke Psaila, sal-kaz in desamina kellu fedina penali netta u ghadu kemm ikkonkluda, b’success kors ta riabilitazzjoni kontra abbuz minn droga u ghalhekk ghandu jigi trattat bhala ‘a first offender’.
b) L-istess ma jistax jinghad fil-konfront tal-akkuzat Bertram Zahra li kiser zewg ordnijiet ta’ ‘probation’ u ghandu fedina penali xejn ezemplari u filfatt, digja nstab hati, f’diversi okkasjonijiet ta’ serq u usufruwixxa minn diversi ordnijiet ta’ probation izda ghal xejn.

Ghaldaqstant, il-Qorti tordna li Luke Psaila jigi liberat bil-kondizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sentejn millum stess waqt li in rigward Bertram Zahra tikkundannah ghal sena (1) wahda prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------